## Laqgha Numru 06/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tas-Sitt Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 12 t'April 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fit-8.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Pierre Cordina, Ray Pace u Paul Baldacchino flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Id-Deputat Sindku Carmela Attard kienet skuzata.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 t'April 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Rapport ta' hidma xahar wara mid-dhul tal-Gwardjani Lokali**
2. **Elezzjoni ghall-Hatra ta' Vici Sindku.**
3. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
4. **Materji Ohra.**

## 1. Rapport ta' hidma xahar wara mid-dhul tal-Gwardjani Lokali.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ta' rendikont tax-xoghol li qed isir mill-Gwardjani Lokali. Il-kelliem qal li l-ispiza ghal dawn il-gwardani hija wahda konsiderevoli. Il-kelliem prezenta draft ta' l-ispiza biex tithaddem id-delega tal-Gwardjani. Is-Sindku Joe zammit informa lill-Kunisll li minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill jirrizulta li l-ewwel xahar ta' hidma l-Kunisll kien ser idahhal flus mill-kontravenzjonijiet li saru daqs kemm kienet ser tiswa n-nefqa. Il-kelliem qal li kieku mhux ghad-determinazzjoni u d-dedikazzjoni tas-segreatrju ezekuttiv tal-Kunisll flimkien mieghu u ma' l-Ufficcjal Awtorizzat il-Kunsill wara l-ewwel xahar kien ikun f'pozizzjoni li jkun ghamel telf kbir minn din id-delega. Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ha hsieb li ghamel laqghat lill-gruppi tal-Wardens biex jinfurmhom bil-problemi u x-xewqat tal-Kunisll kif ukoll biex jigu spjegati lillhom f'aktar dettal il-problemi tal-lokal. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien skantat kif fl-ewwel xahar ma kienetx saret citazzjoni wahda fuq il-hrug ta' l-iskart fil-hinijiet ta' filghaxija. Il-kelliem qal ukoll li kien hemm granet fejn il-Kunsill kien xettiku kemm il-kumpanija tal-Gwardjani Lokali ghamel ix-xoghol mitlub u dan irrizulta minn spezzjonijiet spuntanji li saru li rrizultaw li kien hemm numru kbir ta' kontravenzjonijiet izda li xejn minnhom ma gie nnutat. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-kunisll li fit-tieni xahar tat-

thaddim tal-Gwardjani Lokali kien ser isir esperiment fejn ser jitnaqqsu xi granet u hinijiet biex titnaqqas l-ispiza. Jekk dan l-esperiment jirnexxi l-Kunsill jista’ jaghti l-kaz li jkun qed inaqqas l-ispiza izda jkun qed jiprovdi servizz biex tinzamm l-ordni u d-dixxiplina fil-lokal.

1.2. Fit-8.00 pm il-Kunsillier Paul Baldacchino talab li jigi skuzat minhabba li kellu mpenji ohra.

1.3. Il-Kunsillier Ray Pace qal li hu ma kienx sodisfatt bix-xoghol li qed isir mill-Gwardjani Lokali u dan minhabba l-fatt li kien hemm kazi fejn ra Gwardjani Lokali ma jatux citazzjonijiet lill-karozzi li kienu pparkjati hazin.

## 2. Elezzjoni ghall-hatra ta’ Vici Sindku.

2.1. Is-Sindku Joe Zammit ta’ rendikont ta’ l-andament ta’ kif titmexxa l-elezzjoni ghall-hatra ta’ vici Sindku. Il-kelliem staqsa jekk kienx hemm nomninazzjonijiet.

2.2. Il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona lill-Kunsillier Ray Pace ghall-hatra ta’ Vici Sindku.

2.3. Is-Sindku Joe Zammit staqsa ghall-sekondant ghall-sitt darbiet konsekuttivi. Minhabba li ma kienx hemm sekondant is-Sindku aggorna l-laqgha ghal nhar l-Erbgha 19 t’April fil-5.30 pm bil-kontinwazzjoni ta’ l-Agenda.

2.4. Il-laqgha giet aggornata fit-8.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

## Laqgha Numru 06/K3/2000 - Tkomplija

## Introduzzjoni

Minuti tas-Sitt Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 26 t'April 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, id-Deputat Sindku Carmela Attard, il-Kunsilliera Pierre Cordina, Ray Pace u Paul Baldacchino flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 t'April 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Rapport ta' hidma xahar wara mid-dhul tal-Gwardjani Lokali**
2. **Elezzjoni ghall-Hatra ta' Vici Sindku.**
3. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
4. **Materji Ohra.**

## 2. Elezzjoni ghall-hatra ta' Vici Sindku.

2.5. Il-Kunsillier Ray Pace gibed l-attenzjoni tas-Sindku Joe Zammit li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien sar zball fejn kien intalab sekondant ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina fejn kien innomina lilu ghal-hatra ta' Vici Sindku. Il-kelliem qal li dan imur kontra l-istanding orders stipulati fl-Att.

2.6. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segreatrju Ezekuttiv Kevin Borg biex jivverifika dak li kien qed jinghad mill-Kunsillier Ray Pace.

2.7. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wara li ghamel il-verifika tieghu informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Ray Pace kellu ragun fejn l-istanding orders ma jghidux li meta jkun hemm nomina ghall-hatra ta' Vici Sindku ghandu jintalab sekondant. Il-kelliem talab lill-Kunsill biex jinghata permess jiehu parir minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar x'ghandu jsir u kif ghandu jiprocedi f'kaz bhal dan biex ikun jista' jitranga l-izball li sar.

2.8. Il-Kunsill ta' permess biex is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel kuntatt bit-telefom mas-Sur Victor J. Rizzo Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn dan ta' l-ahhar irrakkomanda li jekk il-Kunsilliera prezenti u li ma kienux prezenti fl-ahhar laqgha, jigifieri d-Deputat Sindku Carmela Attard u l-Kunsillier Paul Baldacchino, jaccettaw li jirtiraw mill-laqgha u l-laqgha titkompla fil-prezenza tal-Kunsilliera li kien hemm prezenti fil-laqgha precedenti biex wara tkun tista' terggha titpogga ghall-vot in-nomina li kien ressaq il-Kunsillier Pierre Cordina. Id-Direttur informa lis-Segretarju li biex jimtela' l-post ta' Vici Sindku l-persuna nominata trid tikseb il-fiducja ta' maggoranza semplici jigifieri ta' tlett voti minn hamsa u dan immaterjali minn kemm ikun in-numru tal-Kunsilliera

prezenti. Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa b'dan kollu lill-Kunsill fejn wara diskussjoni qasira kemm id-Deputat Sindku Carmela Attard kif ukoll il-Kunsillier Paul Baldacchino accettaw li jirtiraw mill-laqgha sakemm issir il-votazzjoni ghan-nomina li kien ressaq il-Kunsillier Pierre Cordina.

2.9. Id-Deputat Sindku Carmela Attard u l-Kunsillier Paul Baldacchino talbu li jigu skuzati mil-laqgha u komplew il-laqgha bhala residenti.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit srtaqsa jekk kienx hemm nomini ghall-hatra ta' Vici Sindku.

2.11. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

2.12. Is-Sindku ghadda ghall-ewwel votazzjoni fejn il-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ivvota kontra.

2.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li l-kandidat nominat ma gabx il-maggoranza mitluba bil-ligi stieden lis-Sindku jghaddi ghat-tieni votazzjoni.

2.14. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

2.15. Is-Sindku ghadda ghat-tieni votazzjoni fejn il-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ivvota kontra.

2.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li l-kandidat nominat ma gabx il-maggoranza mitluba bil-ligi stieden lis-Sindku jghaddi ghat-tielet votazzjoni.

2.17. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

2.18. Is-Sindku ghadda ghat-tielet votazzjoni fejn il-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ivvota kontra.

2.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li l-kandidat nominat ma gabx il-maggoranza mitluba bil-ligi stieden lis-Sindku jghaddi ghar-raba' votazzjoni.

2.20. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

2.21. Is-Sindku ghadda ghar-raba' votazzjoni fejn il-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ivvota kontra.

2.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li l-kandidat nominat ma gabx il-maggoranza mitluba bil-ligi stieden lis-Sindku jghaddi ghal-hames votazzjoni.

2.23. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

2.24. Is-Sindku ghadda ghall-hames votazzjoni fejn il-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ivvota kontra.

2.25. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li l-kandidat nominat ma gabx il-maggoranza mitluba bil-ligi stieden lis-Sindku jghaddi ghas-sitt votazzjoni.

2.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk wara s-sitt votazzjoni mjibqa' ma jintlahaqx ftehiem skond l-istanding orders il-laqgha ghandha tigi aggornata ghal nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju 2000 fis-6.00 pm.

2.27. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

2.28. Is-Sindku ghadda ghas-sitt votazzjoni fejn il-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ivvota kontra.

2.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li peress li l-kandidat nominat ma gabx il-maggoranza mitluba bil-ligi stieden lis-Sindku biex jaggorna l-laqgha.

2.30. Il-Laqgha giet aggornata fit-8.00 pm ghal nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju 2000 fis-6.00 pm.

**Joe Zammit**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Ezekuttiv**

## Laqgha Numru 06/K3/2000 - Tkomplija

## Introduzzjoni

Minuti tas-Sitt Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, id-Deputat Sindku Carmela Attard, il-Kunsilliera Pierre Cordina, Ray Pace u Paul Baldacchino flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 t'April 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Rapport ta' hidma xahar wara mid-dhul tal-Gwardjani Lokali**
2. **Elezzjoni ghall-Hatra ta' Vici Sindku.**
3. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
4. **Materji Ohra.**

## 2. Elezzjoni ghall-hatra ta' Vici Sindku.

2.31. Is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsilliera fl-amdament tal-votazzjoni ghall-hatra tal-Vici Sindku. Il-kelliem qal li biex jinhatar Vici Sindku dan ghandu jikseb il-maggoranza tal-Kunsilliera jigifieri ta' l-inqas tlett voti. Wara din l-ispjega is-Sindku staqsa jekk kienx hemm nominazzjonijiet.

2.32. Il-Kunsillier Pierre Cordina nnomina lill-Kunsillier Ray Pace filwaqt li s-Sindku Joe Zammit innomina lill-Kunsillier Paul Baldacchino.

2.33. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Skeda 7 Klawsola 3 fejn qal li din tghid li fejn ikun hemm aktar minn nomina wahda l-votazzjoni ghandha ssir f'ordni alfabetiku u ghalkhekk ghadda ghas-seba' votazzjoni bin-nomina tal-Kunsillier Paul Baldacchino ghall-hatra ta' Vici Sindku.

2.34. Ir-Rizultat tal-votazzjoni kien li s-Sindku Joe Zammit, id-Deputat Sindku Carmela Attard u l-Kunsillier Paul Baldacchino vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw kontra biex ir-rizultat finali jkun ta' tlieta favur u tnejn kontra.

2.35. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Paul Baldacchino jekk jaccettax il-kariga ta' Vici Sindku.

2.36. Il-Kunsillier Paul Baldacchino accetta l-kariga u ffirma d-dikjarazzjoni annessa. **( Ara Appendici A )**

2.37. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li ghalkemm il-kariga ggorr biss it-titlu tal-Vici Sindku huwa kien lest li jahdem ghall-gid tal-lokal kif ukoll ghax-xewqat u l-aspirazzjonijiet tat-tlett gruppi li hawn fil-lokal.

## 3. Approvazzjoni tal-Kontijiet.

3.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni ta’ skeda ta’ pagamenti. **( Ara Appendici B, C u D )**

3.2. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

3.3. Il-Kunsillier Ray Pace qal li kien qed joggezzjona ghall-fattura riferenza 9883 tal-Kumpanija MED Design Consultants ghall-prezz ta’ Lm 207.63 ghal-xoghol ta’ survey u pjanti konness ma’ l-upgrading tal-passagg li ser jaghmel il-Kunsill bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich. Il-kelliem insista li l-Kunsill ma setax iqabbad lill-Kumpanija MED Design Consultants Limited biex jaghmlu xoghol konness mal-pjanti ta’ dan il-passagg. Il-kelliem ghamel riferenza ghal-decizjonijiet li ha l-Kunsill fejn qal li dawn ma kienux skond il-proceduri minhabba l-fatt li l-kumpanija msemmija kellha kuntratt ta’ Project Management mal-Kunsill u mhux bhala Periti.

3.4. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqghat li kien qed jaghmel riferenza ghaliha l-Kunsillier Ray Pace il-Kunsill kien iddecieda li jaghti xoghol taht il-Lm 500.00 li jista’ jinghata b’direct order lill-Kumpanija MED Design Consultants biex jaghmlu pjanti, survey w applikazzjoni lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar biex jigi rrangat passagg li hemm bejn it-toroq imsemmija hawn fuq. Il-kelliem qal li hu kien ta’ l-opinjoni li l-Kunsill mexa mal-ligi u ma sar xejn hazin apparti l-fatt li, passaggi skond il-ligi huma meqjusa bhala parti mil-kuntratt taz-zamma u manutenzjon tat-toroq.

3.5. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera prezenti approvaw unanimament il-kontijiet kollha ghajr dak tal-Kumpanija MED Design Consultants Limited fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchnio u l-Kunsilliera Carmela Attard vvutaw favur u l-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace vvutaw kontra.

3.6. Ghalhekk il-kont tal-Kumpanija MED Design Consultants giet approvat bi tlett voti favur u tnejn kontra.

3.7. Il-Kunsillier Ray Pace irrimarka li huwa ma kellu xejn kontra l-Kumpanija MED Design Consultants Limited izda kontra l-procedura li ntuzat biex inghata x-xoghol.

3.8. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li hu minn dejjem fehem li d-decizjoni tal-Kunsill kienet li l-Kumpanija MED Design Consultants kienet inghatat direct order ghal dan ix-xoghol kif ukoll li kien jaqbel ma dan minhabba l-urgenza u n-natura tax-xoghol.

3.9. Fis-7.40 pm il-Kunsillier Carmela Attard tablet li tigi skuzata u halliet il-kamra bil-permess tas-Sindku.

## 4. Materji Ohra.

4.1. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill johrog stqarrija pubblika rigward il-mizbla tal-Maghtab bhala solidarjeta mar-residenti tas-Salina kif ukoll biex il-pubbliku jigi mheggeg jaghmel riciklagg ta’ l-iskart kif isir fil-lokal ta’ Pembroke.

4.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

4.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Vici Sindku Paul Baldacchnio dwar xi zviluppi li kien hemm dwar il-problema tad-dawl li hemm fi Triq Camillo Sciberras.

4.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li kien qed jipprova jgib diversi kwotazzjonijiet rigward il-problema tad-dawl. Il-kelliem ppropona li jinxtraw madwar 20 pjanta tal-lantana li jiswew madwar Lm 30.00 li gew vandalizzati.

4.6. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

4.7. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.8. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li hu ma kienx jaqbel mal-kummenti li qed isiru mil-Field Branch Services Unit fejn qal li dawn il-kummenti m'humiex professjonali. Il-kelliem staqsa wkoll x'kienet id-decisjoni tal-Kunsill dwar hrug t'offerti rigward il-gnien.

4.9. Il-Kunsillier Ray Pace qal li x-xoghol ghandu jinkludi z-zamma u l-manutenzjoni tal-gnien fejn jinkludi l-hamrija, s-sigar, tisqijja, zbir u affarijiet ohra relatati nkluz il-manutenzjoni tar-railings u l-bandli.

4.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien qed jircievi numru t-tilmenti dwar il-latrina fejn din qed tkun maghluqa ta' spiss.

4.11. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li jsir kuntatt mas-sur Vince Ghigio biex jekk huwa possibbli dan jibda jinforma lill-Kunsill meta l-latrini ser jibdew ikunu maghluqa.

4.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill ser tigi diskussa l-possibilita li t-toroq tal-Qasam tad-Djar San Patrizju u Sant Andrija jinghataw isem. Il-kelliem ghamel riferenza ghat-tender li hareg id-Dipartiment tat-Toroq dwar Misrah il-Fortizza. Il-kelliem qal li x-xoghol li ser isir huwa dak konness biss mal-formazzjoni tat-triq u xejn min dak kollu mwieghed mill-Ministru Censu Galea li jikkoncerna l-kumplament tal-progett inkluz re-alignment ta' Triq Cassino. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Pierre Cordina jekk kienetx waslet l-informazzjoni minghand il-MiC dwar l-Unjoni Ewropeja.

4.13. Il-Kunsillier Pierre Cordina qal li ghandu jwassal din l-informazzjoni fil-Kunsill fil-granet li gejjien.

4.14. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Ray Pace biex sa laqgha ohra jlesti l-updating tat-tabelli u l-marki tat-traffiku skond Memo 25/2000 tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll biex jiprezenta l-materjal konness mal-Locality Maps.

4.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li l-file tal-korrispondenza m'ghandux johrog mill-Ufficcju tal-Kunsill. Il-kelliem qal li ftit tal-granet ilu kien il-Kunsill ma' xi residenti biex jivverifika xi korrispondenza u ma sabx il-file. Il-kelliem staqsa lill-Kunsillier Ray Pace dwar x'gara rigward ix-xoghol tar-Restawr tal-Batterija ta' Pembroke.

4.16. Il-Kunsillier Ray Pace qal li x-xoghol kien waqaf minhabba l-fatt li l-haddiema tal-Gvern kienu mpenjati fuq il-progett tax-xatt ta' tas-Sliema. Il-kelliem qal li kellu nformazzjoni li kif titlesta l-ewwel fazi tal-progett u dan x'aktarx lejn l-ahhar ta' Mejju, x-xoghol fuq il-Batterija ser jitkompla u jispicca.

4.17. Is-Sindku Joe Zammit ressaq ilmenti ta' diversi residenti fejn qal li l-ilmenti kienu dwar il-haxix hazin li hemm fit-triq il-gdida.

4.18. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li tinkiteb ittra lill-onorevoli Ministru F. Zammit Dimech biex jittiehdu passi mmedjati u jinqata l-haxix hazin li hemm.

4.19. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien rcieva proposti biex jissebbah l-ambjent li hemm madwar il-Bajja.

4.20. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li l-Kunsillier Ray Pace jiprepara draft t'ittra lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jintalab parir ta' x'jista' jsir biex tigi upgraded il-Bajja.

4.21. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Hamis 11 ta' Mejju fis-6.00 pm ser isir laqgha hdejn il-playing Field ta' Triq Falaise biex jigi spjegat lir-residenti x-xoghol li ser isir.

4.22. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li minhabba nuqqas ta' parking li hemm fi Triq Alamein u madwar Juno Flats isiru marki sofor fuq il-bankina fejn hija wiesa' u jithalla passagg liberu ta' mhux inqas minn 1.2 metri biex ikun jista' jsir parking.

4.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma jistghux isiru marki tat-traffiku jekk mhux bil-permess tal-Bord li jikkontrolla t-Traffiku.

4.24. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

4.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.26. B'riferenza ghall-kwotazzjonijiet ta' l-updating tal-home page il-Kunsillier Ray Pace ppropona li tintaghzel il-kwotazzjoni tal-kumpanija BMS minhabba li hija l-aktar vantagguza.

4.27. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li fl-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill ma kienx hemm vot allokat ghal din l-ispiza.

4.30. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ma kienx approva li jsir ix-xoghol izda li jaqbel mal-kwotazzjoni tal-BMS.

4.31. Il-Kunsillier Ray Pace talab lill-Kunsilliera biex jipreparaw l-artiklu ghall-magazine li jmiss.

4.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsillier Ray Pace jekk ir-rati ta' l-isponsors hux ser jibqghu skond kif kienu fl-ahhar magazine.

4.33. Il-Kunsillier Ray Pace qal li r-rati ghandhom jibqghu l-istess.

4.34. Il-Laqgha intemmet fid-9.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 10 ta' Mejju 2000 fis-6.00 pm wara l-laqgha li ser issir ma' l-Onor. Vici Prim Ministru L. Gonzi u l-Onor. G. Pullicino mar-residenti ta' Blokk 5, Qasam tad-Djar San Gorg.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |